MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 40

22 ta' Lulju 2015

Minuti tas-seduta Nru. 40 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa, 22 ta' Lulju 2015 fis-7.15pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha. L-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ, Erica Galea ma attendietx is-seduta.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament permezz tal-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier J. Attard aċċenna għall-minuta 2.1.5. **(Ref: S/3/7/Vol IV)** tas-seduta preċedenti u ppropona li tinqara hekk:

*"2.1.5. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fil-laqgħa li saret fil-11 ta' Ġunju 2015 tqanqlet ukoll il-kwistjoni dwar ir-rati applikabbli għall-użu tal-istess sala mill-għaqdiet mużikali tal-lokalita`. Għalkemm il-Kunsill Skolastiku ma kienx lest li jnaqqas ir-rati tal-caretaker u tat-tekniċi, deher li kien lest jikkonsidra l-użu tas-sala bis-servizz ta' tekniku wieħed u hekk l-ispejjeż jonqsu sostanzjalment. Il-Kunsill Skolastiku nsista li jinżammu l-ħinijiet li għalihom ikun sar il-booking sabiex min ikun inkarigat mis-sala jkun jaf eżatt kemm ser idum. In-naħa tal-Kunsill Lokali esprimiet li hija taqbel li jinżammu l-ħinijiet, peress li dan il-fattur ikun jinvolvi spiża li ma tkunx prevista, għalkemm ġie stabbilit massimu ta' €300 fir-rigward tal-għaqdiet mużikali akkreditati mill-istess Kunsill Lokali.".*

1.2. Is-Sindku J. Buttigieg irrefera għall-minuta 4.7.4. tas-seduta ta' qabel **(Ref: K/1/5/4)** u talab li tinqara kif ġej:

*"4.7.4. Kien hemm qbil ukoll li d-delegazzjoni tkun magħmula mill-Kunsillieri C. Bartolo, J. Attard, filwaqt li l-Kunsillieri P. Cutajar u H. Fenech jiddeċiedu bejniethom minn jixtieq jattendi. F'dan il-każ, l-ispejjeż tat-titjiriet jitħallsu mill-Kunsill.".*

1.3. Il-Kunsillier J. Attard ġibed l-attenzjoni għall-minuta 11.2. tas-seduta ta' qabel **(Ref: L/4/Vol III)** u ssuġġerixxi li tinqara kif ġej:

*"11.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal kuntatti li għaddejjin bejn il-kordinaturi ta' Skolasajf u Malta Libraries sabiex jitwalu l-ħinijiet tal-librerija tal-Mellieħa billi tinfetaħ bejn il-15 ta' Lulju u l-15 ta' Settembru, bil-għan li t-tfal li jattendu jiġu mħajjra jaqraw. Għaldaqstant ġie deċiż li kull nhar ta' Erbgħa l-ħinijiet tal-ftuħ ikunu bejn it-8.30am - 12.30pm u bejn il-5.00pm - 7.00pm . Nhar ta' Ġimgħa jkunu bejn it-8.30am u n-12.30pm. Hija spjegat li s-sitt siegħat addizzjonali ser jagħmlu tajjeb għalihom Malta Libraries.".*

1.4. Il-Kunsill approva l-minuti tas-seduta preċedenti bl-emendi t'hawn fuq, li ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel ukoll li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Sejħa għall-offerti dwar il-Manutenzjoni ta' Dwal fit-Toroq (E/1/2/Vol VI)

2.1.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 12.1. fil-minuti tas-Seduta ta' qabel, dwar il-kummenti li għamlu l-udituri rigward l-iskadenza tal-kuntratt imsemmi. Is-Sur E. Bartolo għarraf li dan is-suġġett ġie diskuss mal-konsulent fis-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Kunsill Lokali – is-Sur Michael Cohen - f'laqgħa li saret fil-25 ta' Ġunju 2015. Is-Sur E. Bartolo qal illi l-Kumitat Reġjonali ddeċieda li minħabba l-fatt li mhux jirċievi fondi direttament mill-Gvern Ċentrali, is-sejħa għall-offerti għal dan is-servizz għandha ssir mill-Kunsilli Lokali rispettivi.

2.1.3. Is-Segretarju fakkar li l-funzjoni tal-Kumitat Reġjonali f'dak li jirrigwarda d-dwal tat-toroq toħroġ b'mod ċar mill-Artiklu 19 tal-Avviż Legali 320/2011. Ikkummenta wkoll li l-Kumitati Konġunti li ħarġu ż-żewġ sejħiet preċedenti ma kellhomx fondi lanqas, filwaqt li esperjenza wriet li l-kuntratti li kienu ngħataw tħaddmu ħafna mill-Kunsill Lokali msieħba fuq bażi lokali. Fid-dawl tal-kummenti li saru mill-udituri fl-ittra ta' direzzjoni, is-Sur C. Debono appella sabiex id-deċiżjoni tal-Kumitat Reġjonali tingħata bil-kitba.

2.1.4. Ir-rappreżentant tal-Kunsill fuq il-Kumitat Reġjonali – il-Kunsillier E. Bartolo – ħa nota sabiex jagħmel dan il-punt fis-seduta li jmiss.

### 2.2.1. Ftehim dwar il-Berġa (M/8/Vol V)

2.2.2. Il-Kunsillier J. Attard għarraf li fil-21 ta' Lulju 2015, saret laqgħa li attendew għaliha uffiċjali mid-Dipartiment tal-Kura Primarja, mill-Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi, flimkien miegħu u mas-Segretarju Eżekuttiv. Huwa qal li saret diskussjoni fuq il-post dwar it-tip ta' bieb li għandu jkun hemm biex ma jkunx hemm kurrent bir-riħ, kif ukoll biex jiġi evitat tisbit tal-bibien bir-riżultat li jinkiser il-ħġieg. Ġie spjegat li sabiex isir disinn tal-bieb jeħtieġ li jkunu magħrufa l-miżuri ta' siġurta` (*escape strategy*) li attwalment hemm fis-seħħ f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa.

2.2.3. Is-Segretarju għarraf li saret laqgħa mal-*manager* tal-faċilita` is-Sur Martin Bondin, fejn intalab id-dokument imsemmi fil-minuta preċedenti. Is-Sur C. Debono qal ukoll li kienet għadha ma ngħatatx tweġiba mid-Dipartiment għall-Kura Primarja dwar l-ammont ta' kera li titħallas lil-CareMalta Ltd.

2.2.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Inizjattiva *"To Move the Nation Towards a More Healthy Lifestyle"* (S/4/2/Vol IV)

2.3.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 4.2.1. tas-seduta ta' qabel u qal li fit-18 ta' Lulju 2015 huwa attenda laqgħa msejħa mill-Uffiċċju tal-President tar-Repubblika, fil-Palazz ta' Verdala fejn il-Kunsilli ġew imħeġġa jippromwovu stil ta' ħajja sana permezz tal-mixi. Għaldaqstant Malta u Għawdex tqassmu f'żoni, fejn ser ikun hemm persuna li tikkordina l-mixjiet li jiġu organizzati flimkien mar-rappreżentant maħtur mill-Kunsill. Fil-każ tal-Mellieħa l-persuna konċernata hija s-Sinjura Fleur Grima li aktar 'il quddiem ser tiddetermina rotot kull ġimgħa. Huwa qal li l-persuna li qed jikkordina din l-inizjattiva fuq bażi nazzjonali huwa s-Sur Julian Holland.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, filwaqt li ġie mfakkar li s-Sitt Kunsill kien ħa inizjattiva simili li kienet ikkordinata mill-Kunsillier H. Fenech.

### 2.4.1. Parteċipazzjoni fl-Agia Napa Festival (K/1/5/4)

2.4.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuta 4.7.4. tas-seduta ta' qabel dwar l-istedina li saret mill-Muniċipalita` ta' Agia Napa għall-festival li ser isir bejn l-24 u t-27 ta' Settembru 2015. Huwa qal li flimkien miegħu ser jattendu l-Kunsillieri J. Attard u P. Cutajar.

2.4.3. Is-Sur C. Bartolo ppropona li bħala artiġġjani s-Sinjuri Ġiġi Gauci u John Sammut. Huwa qal li jeħtieġ tinsab persuna oħra li possibilment qatt ma ħadet sehem fl-Agia Napa Festival. Kompla jgħid li attwalment il-prezz tat-titjira huwa €180 bejn Malta u Ċipru u lura.

2.4.4. Il-Kunsill laqa' il-proposta skont il-minuta 2.4.3.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 16/07/15
- Skeda ta' Pagamenti – 27/06/15 – 16/07/15
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Minuti - Bord ta' Rakkomandazzjoni dwar l-Onorefiċenzi – 07/07/15
- Minuti - Laqgħa mal-Komunita` Kummerċjali – 09/07/15
- Estimi – Attivitajiet marbuta ma' Jum il-Kunsill
- Estimi – Attivitajiet marbuta mal-Iljieli Melleħin

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Introduzzjoni ta' *one-way* fi Triq in-Naħħalija u fit-triq ta' Ħal Ferħ (T/3/2/Vol XII)

4.1.2. Saret referenza għal imejl datat 6 ta' Lulju 2015, dwar l-oġġezzjoni tal-Kunsill għall-introduzzjoni ta' sistema *one-way* fi triq ta' Ħal Ferħ u Triq in-Naħħalija, liema suġġett tqajjem fis-seduta preċedenti. Transport Malta qed għaldaqstant tipproponi li jiġi pprojbit l-ipparkjar fuq naħa waħda ta' Triq in-Naħħalija minħabba l-konġestjoni li qed tiġi kkawżata billi hija *two-way*.

4.1.3. Il-Kunsill innota li l-ipparkjar fi Triq in-Naħħalija diġa huwa pprojbit fuq in-naħa tas-siġar, filwaqt li n-naħa l-oħra jista' jsir fid-daħliet biss.

### 4.2.1. Laqgħa mad-Deputat Parlamentari Robert Cutajar (M/4/2)

4.2.2. Saret referenza għal ittra datata 6 ta' Lulju 2015, mibgħuta mill-Onor. Robert Cutajar fejn talab li ssir laqgħa mal-Kunsill dwar il-pjanijiet li għandu u diffikultajiet li jista' hemm biex dawn jintlaħqu.

4.2.3. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa għandha issir fl-10 ta' Awwissu 2015 fis-6.00pm.

### 4.3.1. Tqegħid ta' tabelli biex jindikaw id-direzzjoni (T/4/3/Vol II)

4.3.2. Saret referenza għal imejl datat 14 ta' Lulju 2015, mibgħut mill-Maritim Hotel Antonin & Spa fejn talbu li jpoġġu tabelli permanenti fi Triq il-Marfa qrib ir-*roundabout* ma' Dawret il-Mellieħa u oħra aktar 'il fuq fi Triq Ġorġ Borg Olivier sabiex jirreklamaw l-istabbilimenti tagħhom.

4.3.3. Il-Kunsill irrifjuta t-talba għab-bażi tal-*policy* li addottata li ma tippermettix riklamar ta' stabbilimenti kummerċjali fuq għamara tat-triq.

### 4.4.1. Attivita` fuq il-Moll tat-Tunnara (A/6/3/2/Vol 98)

4.4.2. Saret referenza għal imejl datat 20 ta' Lulju 2015, mibgħut mit-Teżorier tal-Partit Nazzjonalista fejn intalab permess sabiex issir attivita` fis-7 ta' Awwissu 2015.

4.4.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li mit-tagħrif li huwa għandu, din l-attivita` hija mmirata għal-kostitwenti tat-tramuntana ta' Malta u ser tkun tixbaħ fiera tal-ħut bl-armar ta' *stands* tal-ikel. Huwa qal ukoll li ser ikun hemm xi nies illi jużaw mezzi tal-baħar biex jaslu fuq il-post.

4.4.4. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jinħareġ permess sakemm:

- l-attivita` *per se*` tibda wara s-7.00pm, meta l-użu tal-moll ikun naqas imqabbel mal-bqija tal-jum; u
- jitwaħħlu avviżi fuq il-post mill-5 ta' Awwissu sabiex jitneħħew vetturi u karrijiet li jkunu qed jingumbraw il-parti ċentrali tal-moll.

## 4.5.1. Ipparkjar ta' vetturi antiki f'Misraħ il-Parroċċa Mellieha (A/6/3/1/Vol 98)

4.5.2. Saret referenza għal imejl datat 22 ta' Lulju 2015 mibgħut mill-Maritim Hotel Antonin & Spa fejn intalab permess sabiex jiġu riżervati 17 il-spażju għall-vetturi antiki f'Misraħ il-Parroċċa, Mellieħa, li s-sidien tagħhom ser ikunu residenti fl-istess lukanda fil-11, 12 u 13 ta' Settembru.

4.5.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għall-ħruġ tal-permess mitlub sakemm il-vetturi jiġu pparkjati mal-ġenb tal-pjazza li jiġi quddiem ir-residenza tal-Kappillan.

## 4.6.1. Applikazzjoni għall-permess ta' bejgħ fil-Festa tal-Manikata (F/2/1/Vol I)

4.6.2. Saret referenza għal ittra datata 21 ta' Lulju 2015, fejn Ms Sharon Scicluna talbet li tingħata permess sabiex tkun tista' tbigħ ħelu *(candy rush)* fil-Festa ta' San Ġużepp fil-Manikata. Is-Segretarju spjega li fil-Manikata jeżistu biss żewġ *areas* li huma okkupati kif ġej:

| | |
|---|---|
| Area "A" | Robert Mizzi – Kjosk tal-ġelat |
| Area "B" | Mario Agius – Kjosk tal-ikel |

4.6.3. Is-Sur C. Debono spjega li minħabba din ir-raġuni, kien hemm talbiet għal aktar postijiet, liema talbiet ġew rifjutati minħabba dan il-limitu u partikularment għar-raġuni li ma kienx hemm post ieħor ta' riżerva, filwaqt li l-aktar waħda riċenti ġiet sottomessa ftit ġranet qabel l-imsemmija festa u għalhekk il-Kunsill ma kellux żmien biżżejjed biex jikkonsidraha.

4.6.4. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal illi minkejja li fil-Manikata mhemmx il-potenzjal ta' bejgħ li jeżisti f'lokalitajiet ikbar, xorta waħda għandu jkun hemm lok li tiżdied *area* oħra mat-tnejn li diġa jeżistu, li jbiegħu ikel differenti. Is-Sur C. Bartolo qal li biż-żieda ta' aktar bejjiegħa l-festa fil-Manikata tista' tingħata żvolta oħra.

4.6.5. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li huwa ma' jaqbilx li jkun hemm bejgħ ta' ħelu bħalma huwa il-*candy rush*, għaliex dan mhux meqjus tradizzjonali bħalma huwa l-qubbajt. Kompla jgħid li l-konkorrenza fil-festa ma tiddependix minn kemm ikun hemm bejjiegħa, iżda minn fatturi oħra.

4.6.6. Il-Kunsillier P. Cutajar qal li jekk ser jiżdiedu l-areas, il-Kunsill m'għandux jagħżel liema tip ta' bejjiegħa ser ikun hemm fil-Manikata, u għalhekk m'għandux ikun hemm distinzjoni bejn tip ta' bejgħ u ieħor.

4.6.7. Is-Sindku qal li huwa ma jaqbilx mat-talba peress li aktar 'il quddiem il-Kunsill ikun kostrett li joħroġ aktar permessi u hekk jinbidel il-karattru ta' din il-festa.

4.6.8. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel li filwaqt illi għandhom jinżammu ż-żewġ postijiet originali fil-post oriġinali tagħhom, għandha tiżdied *Area* "C" bejniethom, eżatt fir-rokna ta' Misraħ il-Parroċċa, faċċata ta' Ġnien iż-Żerniq.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 16 ta' Lulju 2015.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet ukoll skeda tal-pagamenti li tkopri bejn is-27 ta' Ġunju u s-16 ta' Lulju 2015.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda u għaldaqstant kien hemm qbil li din għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 7.1. Tħejjijiet għall-Jum il-Kunsill. (A/5/3/1/Vol XIV)

7.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ippropona li programm tas-serata ta' Jum il-Kunsill tat-30 ta' Lulju jkun jikkonsisti mill-elementi li jidhru hawn taħt:

- Wasla tal-President ta' Malta l-Eċċ. Tagħha Marie Louise Coleiro
- Il-President iddur l-artisti u l-pitturi parteċipanti fis-*silent auction* u tinkludi l-istilista tax-xagħar minn Aquaviva Delle Fonti, waqt id-daqq ta' mużika fl-isfond
- Kantanta Corazon akkumpanjata mill-*band*
- *Sketches* bid-djalett Mellieħi imtella'mill-Fondazzjoni ARKEO
- Diskors mill-President.
- Referenza mill-preżentaturi għat-tibdil li sar fil-kriterji fl-edizzjoni 2015.
- Preżentazzjoni ta' "Rikonoxximent il-Mellieħa"
- Diskors tas-Sindku.
- Preżentazzjoni ta' "Ġieh il-Mellieħa"
- Preżentazzjoni lill-ET l-President ta' Malta Marie Louise Coleiro Preca – Jingħata riġal b'dehra tal-Bitħa tas-Santwarju u tal-Palazz ta' Selmum magħmul mill-injam maħruq, magħmul mis-Sur Ġiġi Gauci.

7.3. Is-Segretarju ressaq il-baġit marbut mal-programm deskritt fil-minuta 7.2. li sar bil-kollaborazzjoni mal-Viċi Sindku u li kopja tiegħu qed tiġi mehmuża ma' dawn il-minuti. Skont l-istess estimi, l-attivita` kollha tinvolvi spiża ta' €5,616. Il-Kunsill approva l-ispiża mill-vot 3370(28).

7.4. Is-Sindku aċċenna għall-minuti tal-Bord ta' Rakkomandazzjoni dwar l-Onorefiċenzi li ltaqa' fil-jum ta' qabel, fil-21 ta' Lulju 2015. Huwa spjega li l-linja li addottata l-Bord kienet essenzjalment li jinħoloq bilanċ bejn l-aspetti varji tal-ħajja u għalhekk qassam in-nomini eliġibbli f'ħames kategoriji, li huma: (a) L-Isports; (b) il-Kultura u l-Mużika; (ċ) l-Aspett Soċjali; (d) L-Intraprenditorija; u (e) l-Professjoni. Is-Sur J. Buttigieg spjega li wara illi l-Bord ra in-nomini li kien hemm taħt kull kategorija, issuġġerixxa li fl-edizzjoni 2015, l-unuri għandhom ikunu ndirizzati għall-kategoriji (b); (ċ); (d); u (e). Il-Bord dehrlu li l-onorefiċenzi jingħataw kif ġej:

| | |
|---|---|
| Gieħ | Borg Paul P. |
| Rikonoxximent | Calleya Stephen |
| | Gauci Marija |
| | Grima John |

7.5. Is-Sur J. Buttigieg spjega wkoll li l-Bord poġġa n-nomini tal-Mellieħa Youths (Aspett Soċjali) u dik tas-Sur Joseph Cutajar (L-Isports) f'lista ta' riżerva sabiex il-Kunsill ikun jista' jagħżel minnha, kemm-il darba jidhirlu li xi waħda minn nomini msemmija fil-minuta 7.2. għandha tinbidel. Il-Bord irrakkomanda ukoll li "Appezzament il-Mellieħa" għandu jingħata lis-Sur Joseph Vella, li għalkemm qatt ma ġie nnominat, kien strumentali biex bdiet tiġi organizzata l-mixja għall-karita` li ssir f'Ħamis ix-Xirka bejn il-Mellieħa u l-Isla.

7.6. Żvolġiet diskussjoni dwar in-nomina tal-Professur Stephen Calleja, fis-sens li l-kontribut tiegħu jikkwalifikawħ għall-unur tal-"Ġieħ" li f'sena waħda ma jistax jingħata lil aktar minn persuna waħda.

7.7. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu, fuq numru ta' persuni u għalhekk il-Viċi Sindku C. Bartolo ressaq mozzjoni, issekondata mill-Kunsillier H. Fenech, li kienet tgħid kif ġej:

> ***"Billi fis-seduta tal-Kunsill tat-23 ta' Awissu 1999, twaqqfu l-onorefiċenzi ta' "Ġieħ il-Mellieħa" u "Rikonoxximent il-Mellieħa" sabiex jingħataw lil dawk il-persuni jew organizzazzjonijiet li jkunu iddistingwew ruħhom b'eċċellenza f`xi qasam li permezz tagħhom ikunu ta' eżempju għal ħaddieħor jew għollew l-isem tal-lokalita`;***
>
> ***Billi tressqu diversi nominazzjonijiet li saru skont il-kriterji stabbiliti, illi ġejjin minn snin preċedenti u oħrajn li daħlu wara s-sejħa li għalqet fit-30 ta' Ġunju 2015, liema nominazzjonijiet ġew evalwati sabiex jiġu stabbiliti l-merti tagħhom; u***
>
> ***Billi l-kriterji dwar in-numru ta' onorefiċenzi jistabilixxu li l-unur tal-"Ġieħ" għandu jingħata lil mhux iktar minn persuna / organizzazzjoni waħda"; u***
>
> ***Billi l-unur tar-"Rikonoxximent" jista' jingħata lil mhux iktar minn tliet persuni u/ jew organizzazzjonijiet;***
>
> ***Il-Kunsill jirriżolvi li l-onorefiċenzi "Ġieħ il-Mellieħa" għandhom jingħataw lil:***
>
> - ***Is-Sur Paul P. Borg – Kittieb;***
>
> ***filwaqt illi l-persuni li ġejjin għandhom jingħataw l-unur "Rikonoxximent il-Mellieħa" għandhom ikunu:***
>
> - ***L-Mellieħa Youths;***
> - ***Is-Sinjorina Marija Gauci; u***
> - ***Is-Sur John Grima - Intrapenditur.***
>
> ***Il-Kunsill jirriżolvi wkoll li għandu jingħata "Apprezzament il-Mellieħa" lis-***
>
> - ***Is-Sur Joseph Vella – Intraprenditur***
> - ***Mellieħa Sports Club Football Nursery***
>
> ***Il-Kunsill jirriżolvi wkoll illi l-medalji, l-insinji u plattini, flimkien mad-dokumenti relattivi, għandhom jiġu ppreżentati waqt serata organizzata apposta nhar il-Ħamis 30 ta' Lulju 2015.".***

7.8. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu mingħajr emendi wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier H. Fenech.

## 8.1. Sejħa għall-offerti dwar il-Kuntratt taż-Żamma u Manutenzjoni ta' Latrini Pubbliċi (L/3/Vol III)

8.2. Is-Segretarju ressaq abbozz tad-dokument tal-offerti skont il-proposti li ġew diskussi f'seduti preċedenti illi jinvolvu t-tielet paragrafu tal-Klawsola 05, li ġie emendat kif ġej:

*"The service is to be provided by two (2) attendants who shall be available in any one of the public conveniences covered by this contract between the opening and closing times indicated in Annex 6."*

8.3. Il-Kunsill iddiskuta wkoll l-iskedi riveduti tal-ħinijiet tal-ftuħ u qabel li għandhom ikunu kif jidhru hawn taħt:

Minn Ġunju sa Ottubru

| Location | Type of Attendance | Attendant | Monday to Thursday | | Fridays, Saturdays, Sundays & Public Holidays | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Ramla tal-Mixquqa | Base public convenience for Attendant A | A | 7.30am | 10.00pm | 7.30am | 12.00am |
| Gnien iż-Żerniq Manikata | Three times daily | A | Sundays from 10.00 to 8.00pm Feast of St Joseph | | | |
| Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II | Three times daily at 11.00pm/1.00pm, 4.00pm/6.00pm and at closing time | B | 8.00am | 9.30pm | 8.00am | 10.30pm |
| Għadira (San Remo) | Base public convenience for Attendant B | B | 8.15am | 8.45pm | 8.15am | 10.00am |
| Għadira (Camping Site) | Three times daily | B | 8.30am | 8.30pm | 8.30am | 9.30pm |
| Armier | Three times daily | B | 8.45am | 8.00pm | 8.45am | 9.00pm |

Minn Novembru sa Mejju

| Location | Type of Attendance | Attendant | Monday to Thursday | | Fridays, Saturdays, Sundays & Public Holidays | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Ramla tal-Mixquqa | Base public convenience for Attendant A | A | 7.30am | 5.00pm | 7.30am | 8.00pm |
| Gnien iż-Żerniq Manikata | Three times daily | A | Sundays, between 10.00am and 4.30pm and as may be instructed by Council Representation | | | |
| Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II | Base for Attendant B Three times daily at 11.00pm/1.00pm, 4.00pm/6.00pm and at closing time | B | 8.00am | 6.30pm | 8.00am | 8.00pm |
| Għadira (San Remo) | Three times daily | B | 8.15am | 5.00pm | 8.15am | 7.30am |
| Għadira (Camping Site) | Three times daily | B | 8.30am | 4.30pm | 8.30am | 7.00pm |
| Armier | Three times daily | B | 8.45am | 4.00pm | 8.45am | 6.00pm |

8.4. Il-Kunsill qabel li għandha tinħareġ is-sejħa għall-offerti wara li jsir rapport mill-*Contracts Manager* dwar l-istat tal-faċilitajiet kollha skont Annex 4 tad-dokument tal-offerta.

## 9.1. Tħejjijiet għall-Iljieli Melleħin. (A/5/3/5/Vol V)

9.2. Is-Segretarju rrefera għall-programm sħiħ tal-Iljieli Melleħin li tressaq u ġie approvat fis-seduta preċedenti. Kompla jgħid li b'konsultazzjoni mal-Viċi Sindku C. Bartolo, tħejja l-baġit marbut mal-istess programm u li kopja tiegħu tqassmet mal-aġenda. Skont l-istess

estimi, l-attivita` kollha tinvolvi spiża ta' €30,052, li €12,870 minnhom ser jiġu rkuprati mill-Iskema Inizjattivi dwar Attivitajiet Kulturali u permezz *sponsorships*, u hekk jibqa' bilanċ ta' €17,165 li jrid jagħmel tajjeb għalihom il-Kunsill. Is-Sur C. Debono ġibed l-attenzjoni li s-somma allokata għall-Iljieli Mellieħin fl-Estimi għas-sena finanzjarju 2015 hija €23,000.

9.3. Il-Kunsill approva l-ispiża mill-vot 3370(24).

## 10.1. Festa ta' Selmun (A/5/3/6/Vol IV)

10.2. Is-Sindku rrefera għall-imejl datat 2 ta' Mejju 2015 mibgħut mill-Fondazzjoni ARKEO fejn ipproponew li terġa titqajjem il-Festa titulari ta' Selmun permezz ta' numru ta' attivitajiet.

10.3. Wara li l-Kunsill ra d-diversi *items* proposti mill-Fondazzjoni, kien hemm qbil li dawn jinvolvu nefqa li ma kinitx prevista meta tfasslu l-Estimi għas-Sena Finanzjarja 2015. Għaldaqstant kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa mal-Fondazzjoni sabiex l-attivita` issir b'mod ridott li mhux neċessarjament tkun tinvolvi l-kappella ta' Selmun.

## 11.1. Restawr u kustodja tat-Torri l-Abjad (A/6/7/1)

11.2. Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi l-MEPA kienet ħarġet il-permess għar-restawr u konservazzjoni tat-Torri l-Abjad - PA 1176/14. Huwa aċċenna wkoll li l-ispiża nvoluta f'dan il-proġett hija konsiderevoli, kif ukoll li huwa importanti li dan il-bini jintuża bħala ċentru ta' interpretazzjoni. Billi l-Kunsill m'għandux ir-riżorsi meħtieġa, is-Sur J. Buttigieg ippropona li tiġi nvoluta xi organizzazzjoni mhux governattiva. Biex isir dan, jeħtieġ li toħroġ sejħa pubblika.

11.3. Il-Viċi Sindku qal li l-ewwel għandha toħroġ sejħa għall-interess, sabiex bir-rispons li jkun hemm jitfassal dokument tal-offerta.

11.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jittieħed parir legali dwar jekk għandhiex issir sejħa għall-interess u/jew sejħa għall-offerti.

## 12.1. Mellieħa *Business Forum* (K/10)

12.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-minuti tal-laqgħa li saret għall-komunita` kummerċjali fid-9 ta' Lulju 2015.

12.3. Is-Segretarju kkummenta li ftit li xejn tqajmu punti li jirrigwardaw il-komunita` kummerċjali in ġenerali, għaliex fil-fatt il-parti l-kbira tal-interventi kienu jinvolvu punti partikulari. Dawn qed jiġu trattati mill-Kunsill, jew mal-entita` konċernata. Kompla jgħid li wieħed mill-punti validi li ssemma kien dwar il-fatt li l-lukandi tal-lokalita` minn żmien għal żmien ikunu mimlijin, iżda dan mhux neċessarjament jissarraf f'aktar negozju għall-ħwienet tal-Mellieħa.

12.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 13.1. Monument fi Ġnien Dun Anton Debono (P/4/24)

13.2. Is-Sindku rrefera għad-diskussjoni li kien hemm dwar is-suġġett t'hawn fuq fis-Seduta 31 tat-13 ta' Jannar 2015. Huwa qal li kkuntattja lill-iskultur Emanuel Cini sabiex jieħu parir dwar id-disinn u l-ispiża nvoluta fil-bini ta' pedestral u bust. Huwa qal li l-istima totali ġiet stmata €4,300.

13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li dan is-suġġett għandu jitkompla jiġi diskuss aktar 'il quddiem.

## 14.1. Inizjattiva "Arti fil-Misraħ" (A/5/5/Vol IV)

14.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-inizjattiva msemmija u qalet li flimkien mal-artisti u artiġġani li regolarment ikunu preżenti, il-mużiċisti segwenti ħadu sehem:

| | |
|---|---|
| 3 ta' Lulju 2015 | Maria Cini (Vjolinista) |
| 10 ta' Lulju 2015 | Joe u Alice Grech |

| | |
|---|---|
| 17 ta' Lulju 2015 | Aljievi tal-Banda La Vittoria |
| 24 ta' Lulju 2015 | Grupp Simar |

14.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 15.1. Parkeġġ fi Triq il-Kbira (D/3/1/Vol V)

15.2. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li titqiegħed kurduna max-xifer tal-parkeġġ li hemm fi Triq il-Kbira bejn Triq Għajn Żejtuna u Triq il-Garżella, peress li jeżisti diżlivell kbir u jistgħu jaqgħu il-vetturi għal isfel.

15.3. Il-Kunsill ma laqax il-proposta minħabba li l-art in kwistjoni hija privata. Minkejja dan, kien hemm qbil li huwa importanti li l-ħaxix li jikber fix-xifer tal-parkeġġ ma jinqatax għal kollox sabiex iservi ta' indikazzjoni.

### 16.1. Spażju okkupat fil-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ (T/4/10/Vol II)

16.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li waslulu lmenti dwar inkonvenjenzi li jinvolvu daqq ta' mużika b'volum qawwi li jibqa' għaddej sa tard bil-lejl mis-Sea View Bar. Jirriżulta wkoll li l-istess opertur qed jokkupa parti sostanzjali mill-*playing field* b'imwejjed u siġġijiet b'tali mod li qed ixekkel l-użu tal-bandli, filwaqt li huwa suspettat li m'hemmx permessi għalihom maħruġa mill-entitajiet konċernati.

16.3. Il-Kunsill qabel li dan l-ilment għandu jiġi mgħoddi lill-Pulizija sabiex l-attivita` kummerċjali tkun fil-limiti tal-liċenzja li tkopri l-istabbiliment in kwistjoni.

### 17.1. Sewqan b'veloċita` qawwija fit-triq ta' Irdum il-Qawwi (T/3/2/Vol XII)

17.2. Il-Kunsillier H. Fenech qal li minkejja illi riċentement saru żewġ settijiet ta' *speed humps* fit-triq imsemmija, xorta waħda għad hemm periklu kbir ta' kollożżjonijiet kantuniera mat-toroq li jwasslu għar-raba' u l-irżieżet. Għaldaqstant huwa rrakkomanda li jsiru aktar *speed humps* qrib il-postijiet l-aktar vulnerabbli.

17.3. Il-Kunsill qabel li għandhom isiru rappreżentazzjonijiet f'dan is-sens ma' Transport Malta.

### 18.1. Periklu qrib ir-*roundabout* ta' Selmun (T/3/2/Vol XII)

18.2. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni li xi ndividwi għandhom tendenza li mill-*interchange* tal-karozzi tal-linja jaqsmu għaż-żona tal-Ibraġ billi jgħaddu minn fejn hemm il-ħamrija. Dan isir b'mod perikoluż minħabba li jinsab qrib wisq l-imsemmija *roundabout*. Għaldaqstant ġie propost li ssir xi forma ta' barrikata minn naħa tal-*interchange*.

18.3. Il-Kunsill qabel mal-punt imqajjem, iżda ma ġie ndikat ebda mezz fiżiku kif jista' jitrazzan dan l-abbuż.

### 19.1. Ħarsien tal-annimali (A/9)

19.2. Il-Kunsillier D. Vella rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta 38 tad-9 ta' Ġunju 2015 dwar laqgħa li ssejħet mill-Animal Guardians Malta, bil-għan li titjieb is-sitwazzjoni tal-qtates fit-toroq. Huwa qal li din il-laqgħa saret fl-4 ta' Lulju 2015 u l-attendenza għaliha kienet fqira. L-istess għaqda qed tipproponi li jitwaqqaf santwarju għall-qtates f'kull lokalita`. Is-Sur D. Vella kompla jgħid li rrispettivament mill-intenzjonijiet tal-Animal Guardians Malta, il-Kunsill għandu jipprovdi servizz ta' tiswija tal-qtates (*neutering*) bil-għan li ma jkomplux jitkattru. Huwa għalhekk ippropona li ssir laqgħa għal dawk l-individwi li jitimgħu lill-qtates.

19.3. Il-Kunsill approva s-suġġeriment.

### 20.1. Siġurta` fi Ġnien il-Qigħan (P/2/1)

20.2. Il-Kunsillier J. Attard ġibed l-attenzjoni għad-deċiżjonijiet li ttieħdu fis-seduta 20 tas-27 ta' Mejju 2015 sabiex isir *bill of quantities* dwar bandli ġodda meħtieġa fi Ġnien il-Qigħan minflok dawk li tneħħew peress li kienu perikolużi. Huwa staqsa dwar jekk kienx hemm xi żviluppi fuq din il-materja.

20.3. Is-Sindku wieġeb li l-perit kien għadu m'għaddiex id-dokument imsemmi.

**21.1. Għaqdiet li tħaddan ġewwa fiha l-Presidenza (I/1/Vol IX)**

21.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li l-President ta' Malta, l-Eċċellenza Tagħha s-Sinjura Marie-Louise Coleiro Preca stiednet lir-rappreżentanti tal-Kunsilli Lokali għal-laqgħa ta' informazzjoni fil-Palazz ta' San Anton fis-17 ta Lulju 2015. Waqt l-istess laqgħa, il-President flimkien ma' bord ta' esperti, taw tagħrif dwar l-għaqdiet li tħaddan ġewwa fiha l-Presidenza. Il-Fondazzjoni tal-President għall-Ġid tas-Soċjeta' *(President's Foundation for the Wellbeing of Society)* għandha l-għan li toħloq spazju fejn in-nies jiġu flimkien u permezz ta' djalogu jiddiskutu x'inhuwa ta' ġid għas-soċjetà. Il-Fondazzjoni tiġbor fiha żewġ aspetti, jiġifieri r-riċerka u l-konsultazzjoni, fejn ir-riċerka tuża metodoloġiji innovattivi u l-konsultazzjoni tkun formali u anki informali. L-istess fondazzjoni tħaddan fiha erba' entitajiet u tmin fora li qed jiffukaw fuq temi speċifiċi.

21.3. L-entitajiet huma: l-Istitut Nazzjonali għat-Tfulija, ċ-Ċentru għar-Riċerka fuq il-Familja, l-Osservatorju għall-Għixien Xieraq u ċ-Ċentru għall-Ħelsien mill-Vizzji. Il-fora huma dwar: Il-Komunità, il-Familja, it-Tfulija, Persuni b'Diżabbilità, l-Ambjent, l-Arti u l-Kultura, Djalogu Inter-religjuz, u Djalogu inter-kulturali. Is-Sur C. Bartolo għarraf ukoll li l-*aide-de-camp* tal-President – Lt. Brian Gatt – talab anke li jintużaw il-faċilitajiet fl-uffiċċji tal-Kunsilli Lokali biex jintlaħqu l-għanijiet tal-fondazzjoni.

21.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, kif ukoll qabel li jospita` inizjattivi li jittieħdu fuq bażi lokali.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-11.15pm u ġiet-aġġornata għal nhar it-Tnejn 10 ta' Awwissu 2015 fis-7.15pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**